# Meta ssirlek *enquiry*

*Id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħek*



## L-iskop ta' dan il-ktejjeb

Dan il-ktejjeb jurik ma' xiex tista' tiltaqa' jekk issirlek *enquiry* jew *tax audit* mit-*Tax Audits Section* tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Fih għandek issib dwar kif se tkun ittrattat u x'se jkun mistenni minnek.

## X'fih dan il-ktejjeb


1. Introduzzjoni
2. X'għandek dritt tistenna mingħandna
3. Għaliex issir *enquiry*?
4. X'jiġri waqt *enquiry* jew *tax audit*
5. X'inhu mistenni minnek
6. Kemm iddum *enquiry*?
7. Jekk tkun trid toġġezzjona
8. X'penali hemm?
9. Jekk trid tressaq xi lment
10. Tagħrif ieħor


## 1. Introduzzjoni

Aħna nqisu lil kull *taxpayer* bħala ġenwin. Għalhekk aħna nikkunsidraw l-informazzjoni mogħtija fuq il-formola tat-taxxa tiegħek bħala sħiħa u eżatta - dment li ma jkunx hemm xi ħaġa li ġġegħilna naħsbu mod ieħor.

Id-Dipartiment għandu responsabbiltà, lejn il-Gvern u lejn il-poplu in ġenerali, li jara li kulħadd iħallas it-taxxa tiegħu skond il-liġi. Għalhekk aħna nivverifikaw jekk l-informazzjoni fil-formola tiegħek tkunx eżatta u sħiħa u xi drabi nistgħu nibagħtu għalik.

Il-kumplessità ta' *enquiry* jew *tax audit* tvarja skond il-każ. Xi drabi nistgħu nitolbuk tagħtina aktar informazzjoni jew turina xi dokumenti biex niċċekkjaw xi informazzjoni li tkun tajtna qabel. *Enquiry* jew *tax audit* tista' tinvolvi wkoll eżami tal-kotba tan-negozju, bank statements, irċevuti ta' l-ispejjeż, kopji ta' kuntratti, eċċ.



L-iskop tagħna hu li ninkuraġġixxu lil kull *taxpayer* biex iħallas dak li ħaqqu - xejn aktar u xejn inqas - u biex kull taxpayer jagħmel dan minn rajh mill-ewwel meta jimla l-formola billi jiddikjara d-dħul kollu tiegħu kif suppost.

## 2. X'għandek dritt tistenna mingħandna

L-uffiċċjali tad-Dipartiment li għandhom x'jaqsmu mat-*tax audit*s (imsejħa Revenue Officers) iġibu ruħhom b'mod imparzjali, ġust u professjonali. Kull *enquiry* jew *tax audit* għandha tkun ibbażata fuq dawn li ġejjin:

- Il-fatt li tinbeda *enquiry* fuqek bl-ebda mod ma jfisser li aħna qed inqisu li inti xi *taxpayer* diżonest.

- Aħna nitrattaw ma' kull *taxpayer* skond il-liġi. Is-setgħat mogħtijin mil-liġi jintużaw b'mod raġonevoli u mhux kapriċċjożament.

- Ir-Revenue Officer li se jagħmel l-*enquiry* jispjegalek fil-qosor il-proċess, speċjalment jekk din hija l-ewwel darba li qed issirlek *enquiry* jew jekk m'għandek 'il ħadd min jgħinek jew jirrappreżentak.

- Aħna nagħmlu kull sforz biex it-*tax audit* tikkawżalek l-inqas inkonvenjent u spiża possibbli.

  Tajjeb tkun taf li aħna nagħmlu *quality assurance checks* fuq it-*tax audit*s li jsiru. Għalhekk f'ċerti każi nibagħtu kwestjonarju lil xi persuni li jkunu ġew verifikati. It-tweġibiet tagħhom jgħinuna nagħmlu dmirna aħjar 'l quddiem. Jekk jintbagħatlek kwestjonarju bħal dan aktar 'l quddiem, inti mitlub li timlieh u tibagħtu fejn nindikawlek.

## 3. Għaliex issir *enquiry* jew *tax audit?*

Hemm ħafna raġunijiet għaliex issir *enquiry*.

- Xi drabi formola tat-taxxa tingħażel għal *enquiry* minħabba xi aspett partikolari. Per eżempju xi ħadd jista' ma jiddikjarax dħul minn renti li xi *taxpayer* ieħor ikun talab bħala spiża. Ħaddieħor forsi jitlob spejjeż li jidhru akbar minn dak li *taxpayer*s oħra fl-istess linja ta' negozju normalment jitolbu, jew jitlob spiża li skond il-liġi m'għandux dritt għaliha.

- Drabi oħra l-*enquiry* tista' tkun aktar wiesgħa. Per eżempju jista' jkun li l-profitti dikjarati minn xi *taxpayer* ikunu inqas minn dak li jkun mistenni minn negozju jew sengħa simili. Jew *taxpayer* jidher li nefaq jew ġemma' ħafna aktar minn dak li kien possibbli skond id-dħul tiegħu ddikjarat fuq il-formola. F'każi bħal dawn it-*taxpayer* jintalab jispjega u jippreżenta l-kotba tan-negozju.

## 4. X'jiġri waqt *enquiry*?

Din il-parti tiddeskrivi kif se tkun ittrattat u x'jista' jiġri waqt *enquiry*. Naturalment dawn huma prinċipji ġenerali u jistgħu ivarjaw minn każ għall-ieħor.

### Fil-bidu ta' l-*enquiry*

- Ir-Revenue Officer jibda billi jibgħat avviż ta' inkjesta jew verifika (*notification of enquiry*) lit-*taxpayer* u li fih javżah li jkun intgħażel għal *enquiry* u li d-Dipartiment se jivverifika l-formoli tat-taxxa tiegħu fil-futur qarib. F'dan l-avviż it-*taxpayer* ikun imħeġġeġ biex jiġbor u jħejji l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jista' jiġi bżonn fl-*enquiry*. F'dan l-istadju t-*taxpayer* huwa mħeġġeġ li jirrevedi d-dikjarazzjoni tad-dħul tiegħu u, fejn ikun il-każ, jaġġustaha permezz tal-formola AF1, li tista' tinkiseb mid-dipartiment. **B'hekk jitwaqqfu l-multi fuq l-ammont aġġustat (ara numru 8 dwar il-penali).**

- Wara dan, tintbagħat ittra bid-data u l-ħin ta' l-appuntament. F'din l-ittra t-*taxpayer* ikun avżat dwar liema dokumenti għandu jġib miegħu. F'każ li t-*taxpayer* ma jkunx jista' jattendi fil-ġurnata u l-ħin indikat, hu jkun jista' jikkuntattja lill-uffiċjal biex tiġi ffissata data oħra.

- Għall-appuntament it-*taxpayer* jista' jibgħat rappreżentant minfloku, basta dan jingħata l-awtorizzazzjoni bil-miktub, iffirmata mit-*taxpayer* innifsu.

- Wara dan, l-uffiċjal jidentifika ruħu u jagħtik in-numri tat-telefon li jista' jkun hemm bżonn. Jagħtik ukoll spjega ħafifa tal-proċess ta' l-*enquiry*.

- Inti għandek titkellem u titratta ma' l-uffiċjal li bagħat għalik u mhux tkellem lis-*supervisor* tiegħu jew lil xi ħadd ieħor aktar 'l fuq. Tajjeb tkun taf li qabel ma jitkellem miegħek, ir-Revenue Officer ikun diġa' tkellem mas-*supervisor*, għalhekk dak li jgħidlek hu mhux se jkun differenti minn dak li jista' jgħidlek is-*supervisor*. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li jkun hemm bżonn li tkellem lis-*supervisor*.



- Ir-Revenue Officer joffrilek l-opportunità li taġġusta xi żball jew xi ħaġa li tkun ħallejt barra. Jekk tagħmel hekk tkun qed tnaqqas il-multa li tista' teħel minħabba xi omissjoni.

- F'każ li nħarġitlek *Estimation* tat-taxxa (għax ma tkunx bgħatt il-formola) l-aħjar ħaġa li tista' tagħmel biex tnaqqas il-penali hija billi timla u tibgħat il-formola mill-aktar fis. Jekk dak li tiddikjara jkun sodisfaċenti għad-Dipartiment, l-*enquiry* tieqaf hemm. Jekk le, l-*enquiry* tkompli.

- F'kull każ jekk fl-enquiry ma jintlaħaqx qbil, id-Dipartiment joħroġlok *assessment* li int ikollok dritt toġġezzjona kontrieh.

- Fejn *taxpayer* ikun issottometta dikjarazzjoni (il-formola blu), il-liġi tagħti dritt lill-Kummissarju li jeżiġi formola sħiħa tat-taxxa. F'dan il-każ it-*taxpayer* ikun obbligat jimla l-formola u jibgħatha.

## Waqt l-*enquiry*

- Ir-Revenue Officer jagħmel minn kollox biex il-laqgħat tiegħu miegħek isiru f'ħinijiet konvenjenti għat-tnejn. Ġeneralment dawn isiru fil-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

- L-uffiċjal jagħti riċevuta għad-dokumenti ppreżentati mit-*taxpayer*. L-istess dokumenti jingħataw lura kemm jista' jkun malajr jew wara li tispiċċa l-*enquiry*.

- L-uffiċjal jagħmillek mistoqsijiet ċari u speċifiċi u jagħtik l-għajnuna u l-ispjegazzjonijiet kollha li jkollok bżonn biex tifhem il-mistoqsijiet li jagħmillek.

  Għalkemm waqt l-*interview* tista' tkun mgħejjun minn xi ħadd tal-fiduċja, u għalkemm dan jista' anki jattendi minflokok, ċerti mistoqsijiet magħmulin lilek għandek tweġibhom int, u mhux iweġibhom hu.

- Ir-Revenue Officer jagħtik żmien biżżejjed biex tiġbor jew issib l-informazzjoni li tintalab. **Tajjeb tiftakar li jkun fl-interess tiegħek li ma ddumx ma tagħti l-informazzjoni jew id-dokumenti mitluba. Dan minħabba li jekk jinstabu xi diskrepanzi l-multi jiddependu minn kemm iddum ma taġġusta l-formola tiegħek. Aktar ma ddum ma taġġusta l-formola aktar jiżdiedu l-multi.**

- Jekk l-uffiċjal ikollu bżonn jitlob xi informazzjoni dwarek mingħand terzi persuni, huwa jagħmel dan bl-akbar diskrezzjoni u prudenza, u bl-ebda mod ma jagħti lil ħadd x'jifhem li inti b'xi mod inqast mill-obbligi tiegħek skond il-liġi.



## Fil-konklużjoni ta' *enquiry*

- L-uffiċjal jurik in-nuqqasijiet tiegħek kif irriżultaw mill-*enquiry*. Jgħidlek ukoll jekk indunax b'xi żball min-naħa tiegħek li seta' rriżulta f'taxxa żejda.

- L-uffiċjal jiġbidlek l-attenzjoni għal dawk l-affarijiet li jistgħu jgħinuk tosserva aħjar l-obbligi tiegħek tat-taxxa fil-futur.

- L-uffiċjal jista', xi drabi, jkun akkumpanjat minn uffiċjal ieħor, speċjalment meta se jiġi diskuss xi ftehim bejn il-partijiet. Inti ma tistax tiġi mġiegħel u lanqas issirlek pressjoni biex taċċetta l-figuri li jsemmulek. Il-fatt li r-Revenue Officer jiftaħlek għajnejk dwar x'jista' jiġri jekk inti ma taġġustax il-formola tiegħek m'għandux jitqies li qed jagħmel xi pressjoni fuqek.

  Tajjeb tiftakar ukoll li meta tiġi biex taġġusta l-figuri li ddikjarajt fuq il-formola, ir-responsabbiltà hija kollha tiegħek. L-uffiċjal jista' jgħinek biex tasal għal xi figura, imma meta inti timla formola ta' aġġustament ma tkunx qed torbot lid-Dipartiment li ma joħroġx *assessment*, f'każ li dak li tiddikjara int ma jkunx sodisfaċenti.

- Fejn id-Dipartiment isib xi diskrepanzi u t-*taxpayer* jibqa' ma jridx jaġġusta l-formola tiegħu, jew jaġġustaha b'ammont inqas milli d-Dipartiment jidhirlu li hu xieraq, id-Dipartiment ikollu dritt li joħroġ *assessment*. It-*taxpayer* ikun jista' joġġezzjona kontra l-*assessment* (Ara numru 7 dwar l-oġġezzjoni).

- Meta tispiċċa l-*enquiry* l-uffiċjal jibgħat avviż lit-*taxpayer* li l-*enquiry* tkun ġiet finalizzata. Jekk ma tiġix skoperta xi ħaġa ġdida t-*taxpayer* jista' jeħodha li l-każ tiegħu issa ngħalaq u jista' jserraħ rasu. Il-Kummissarju jibqagħlu d-dritt li jagħmel *enquiry* oħra għall-istess sena fi żmien ħames snin mit-*tax return date* relattiva, imma dan jiġri biss f'każijiet rari. F'każ li l-formola tintbagħat tard, l-*enquiry* tkun tista' ssir fi żmien ħames snin minn meta t-*taxpayer* ikun bagħat il-formola.



## 5. X'inhu mistenni minnek

- Id-Dipartiment jippreferi jadotta attitudni kemm jista' jkun informali meta jiġi biex jitolbok xi informazzjoni jew xi dokumenti. Għalhekk nitolbu l-kooperazzjoni tiegħek biex tagħti l-informazzjoni u ġġib id-dokumenti li tintalab u biex tagħmel dan mingħajr telf ta' żmien żejjed, possibilment fl-ewwel appuntament. It-*taxpayer* jista' jserraħ moħħu li dawn jinżammu bis-segretezza u l-kunfidenzjalità kollha li titlob il-liġi.

- Biex jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt il-liġi kull *taxpayer* għandu jżomm ir-*records* tiegħu skond il-liġi.

- Kemm it-*taxpayer* u kemm ir-rappreżentant tiegħu huma mistennija li jġibu ruħhom bl-aktar mod ċivili mar-Revenue Officer. Għandhom jiftakru li l-uffiċjal qiegħed hemm biex jaqdi dmiru u huwa delegat tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għalhekk m'għandha ssir l-ebda pressjoni fuqu, la psikoloġika u lanqas fiżika.

  Ir-Revenue Officer għandu dritt li ma jiġix suġġett għal għajat, theddid, tgħajjir, insinwazzjonijiet jew kwalunkwe ħaġa oħra bħal dawn.

- **Appuntamenti m'għandhomx jitħassru bla bżonn, u lanqas jintalbu għal żmien indefinit. Fil-fatt, minħabba l-penalitajiet li hemm, ikun fl-interess tiegħek li ma ttawwalx iż-żmien li fih l-*enquiry* tiġi konkluża. Jekk tinqala' xi emerġenza għandek tinforma lir-Revenue Officer minnufih u mhux meta jkun tard wisq.**

## 6. Kemm iddum l-*enquiry*?

Id-Dipartiment jipprova jikkonkludi l-*enquiry* fl-inqas żmien possibbli. Iż-żmien li jittieħed jiddependi minn ħafna affarijiet bħal per eżempju r-raġuni li għaliha ssir l-*enquiry*, jekk id-dokumenti jkunux f'ordni xierqa, kemm tinġieb malajr l-informazzjoni, id-diffikultà u l-kumplessità tal-każ, il-kooperazzjoni tat-*taxpayer* u ċirkustanzi oħra li r-Revenue Officer mhux dejjem ikollu kontroll fuqhom, bħal meta jinbidel ir-Revenue Officer inkarigat mill-każ.

## 7. Jekk tkun trid toġġezzjona

Biex issir oġġezzjoni valida jridu jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet:

- li l-oġġezzjoni issir fi żmien tletin jum minn meta tirċievi l-*assessment*;
- din tkun turi r-raġunijet għaliex ma taqbilx ma' l-*assessment*;
- issir fuq formola apposta li tkun ma' l-*assessment*;
- li sal-jum li fih issir l-oġġezzjoni t-*taxpayer* irid ikun bagħat il-formola tat-taxxa għas-sena relattiva;
- sal-jum li fih issir l-oġġezzjoni t-*taxpayer* ikun ħallas it-taxxa li mhemmx kwistjoni dwarha għal dik is-sena.

Ftakar, għalhekk, li jekk tonqos li tosserva xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, l-oġġezzjoni ma tkunx valida u t-taxxa kollha murija fl-*assessment* tiġi dovuta kollha.

Meta ssir oġġezzjoni l-każ jiġi rivedut minn uffiċjal differenti minn dak li jkun għamel l-*enquiry*. Jekk jibqa' ma jintlaħaqx ftehim, il-Kummissarju joħroġ rifjut ta' l-oġġezzjoni. Wara dan it-*taxpayer* jista' jieħu l-każ tiegħu quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali billi jappella fuq formola apposta, fi żmien tletin jum minn meta jirċievi r-rifjut. Appell minn deċiżjoni tal-Bord huwa possibbli biss fuq punt ta' liġi, quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Tajjeb wieħed iżomm quddiem għajnejh li t-taxxa addizzjonali minħabba l-omissjoni tibqa' tiżdied sa dak ix-xahar li fih jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet jew sa x-xahar li fih tasallek id-deċiżjoni tal-Bord jew tal-Qorti.

# 8. X’penali hemm?

Hemm żewġ tipi ta’ penali (multi). Hemm penali jekk tagħmel **omissjoni** (jiġifieri tkun iddikjarajt inqas milli suppost jew tlabt tnaqqis li ma kellekx dritt għalih). Hemm ukoll penali jekk tibgħat il-formola **tard**.

## Penali minħabba omissjoni

- Jekk waqt *enquiry* jirriżulta li tkun ħallast taxxa inqas milli kellek tħallas, il-liġi tipprovdi għal multa (jew taxxa addizzjonali). Din tiddependi minn kemm-il darba tkun għamilt omissjoni u mis-serjetà ta’ l-omissjoni.

- Il-multa għall-ewwel omissjoni hija ta’ 3% fix-xahar taż-żieda li jkun hemm fit-taxxa b’riżultat ta’ l-*enquiry*. Din tkun ikkalkolata mit-*tax return date* relattiva sa dak ix-xahar li fih inti taġġusta l-formola (sa massimu ta’ 60 xahar). Fil-każ ta’ individwu t-*tax return date* hija t-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara.

Eżempju: it-*tax return date* għall-formola tas-sena bażi 2003 hija t-30 ta’ Ġunju 2004. F’każ li ssir *enquiry* u din tirriżulta f’taxxa iżjed ta’ Lm500, u inti taġġusta l-formola tiegħek f’Novembru 2004, il-multa tkun Lm500 x 3% x 5 xhur (minn Lulju sa Novembru) = Lm75. Ma’ dan ikun irid jiżdied imgħax ta’ 1% fix-xahar fuq it-taxxa li titħallas tard.

- Jekk issir *enquiry* anki fuq xi sena li tiġi wara, il-multa tinħadem mhux bit-3% imma bl-4%. Fil-każ tat-tielet omissjoni l-multa tkun ta’ 5%, waqt li l-multa tkun ta’ 6% jekk tagħmel ir-raba’ omissjoni jew aktar.

## Il-multa tista’ titnaqqas?

Il-multi sas-sena ta’ stima 2002 ma jistgħux jitnaqqsu. Mis-sena ta’ stima 2003 ’l quddiem, il-multa tista’ titnaqqas f’dawn iċ-ċirkustanzi biss:

- Jekk inti tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa qabel ma tintbagħatlek in-notifika ta’ l-*enquiry* il-multa tinżel għal **0.75%** fix-xahar. Jiġifieri jekk inżommu l-istess figuri ta’ l-eżempju ta’ qabel, il-multa tkun Lm500 x 0.75% x 5 xhur = Lm19.

  (Ta’ min wieħed jgħid li sas-sena ta’ stima 2001 f’każ li l-aġġustament isir volontarjament qabel in-notifika ta’ l-*enquiry* il-multa kienet tinżel għal 1.5% fix-xahar u mhux għal 0.75%.)

- Jekk tagħmel l-aġġustament bejn id-data li fiha tasallak in-notifika sa l-aħħar tax-xahar ta' wara, il-multa tkun ta' **1.5%** fix-xahar = Lm38.

- Barra minn dan il-multa tista' tkompli' **tonqos b'90 fil-mija** jekk l-omissjoni kienet waħda minn dawn:

  (a) dħul minn imgħax, li hu suġġett għat-taxxa bil-15% - fejn it-*taxpayer* ikun għażel li jirċievi l-imgħax mingħajr ma titnaqqaslu t-taxxa bil15%;
  (b) salarju, li jkun inkluż f'formola tal-FSS mibgħuta lid-Dipartiment;
  (c) qligħ kapitali, fejn ikun sar it-tnaqqis tat-taxxa provizorja bis-7% mal-kuntratt.

- F'xi każijiet oħra l-multa **titnaqqas bil-50%** u mhux bid-90%. Ċirkustanzi fejn il-multa tonqos b'50% jistgħu jkunu meta:

  (a) titlob tnaqqis li ma kellekx dritt għalih minn paga jew salarju;

  (b) ma tiddikjarax manteniment (*alimony*) li tkun irċevejt;

  (c) titlob tnaqqis li ma kellekx dritt għalih kontra dħul minn renti;

  (d) terġa' tagħmel omissjoni li l-multa dwarha tkun diġa' tnaqqset bid-90% f'xi sena qabel.

- Hemm każijiet fejn il-multa **titnaqqas kollha**. Dan jiġri jew fejn l-ammont involut ikun tassew żgħir jew inkella fejn il-Kummissarju jidhirlu li għalkemm inti tkun ħallejt xi ħaġa barra, int tkun ħadt il-"kura neċessarja" biex ma tintilifx taxxa. Mod kif tieħu din il-"kura neċessarja" huwa billi mal-formola tat-taxxa tibgħat *tax advice* bil-miktub, minn xi *tax professional*, dwar xi punt li jista' jkun ta' kontroversja bejnek u l-Kummissarju.



## Penali talli tibgħat il-formola tard

Il-penali, għal individwu li jibgħat il-formola tard, tinħadem kif ġej:

- **Sas-sena ta' stima 2001,** il-penali hija ta' Lm5 jekk il-formola tintbagħat sa sitt xhur tard (f'każ ta' kumpanija din il-penali tkun Lm20). Jekk il-formola tintbagħat aktar minn sitt xhur tard il-penali tkun ta' 1% fix-xahar tat-taxxa dovuta għal dik is-sena.

- **Mis-sena ta' stima 2002 'l quddiem,** ir-rati nbidlu u daħlet is-sistema ta' minimu u massimu. Jekk il-formola tintbagħat sa sitt xhur tard (jiġifieri sa Diċembru), il-penali tibqa' dejjem ta' Lm5.

  Jekk il-formola tintbagħat bejn sitt xhur u sena tard, il-penali tkun ta' 3% tat-taxxa dovuta, imma mhux inqas minn Lm8 u mhux aktar minn Lm50.

  > Per eżempju, jekk it-taxxa kienet Lm600 u l-formola tintbagħat għaxar xhur tard, il-penali tkun Lm600 x 3% = Lm18. (Din il-penali tiġi imposta anki jekk it-*taxpayer* ikun diġa' ħallas is-Lm600.)

  Jekk il-formola tintbagħat tard bejn sena u sena u nofs, il-penali tkun ta' 10% tat-taxxa dovuta għal dik is-sena (imma qatt inqas minn Lm20 u qatt aktar minn Lm100).

  Jekk il-formola tintbagħat tard bejn sena u nofs u sentejn, il-penali tinħadem hekk: 15% tat-taxxa dovuta (imma qatt inqas minn Lm30 u qatt aktar minn Lm200).

  Jekk il-formola tintbagħat aktar minn sentejn tard, il-penali tkun 20% tat-taxxa dovuta (imma qatt inqas minn Lm40 u qatt aktar minn Lm300).

Dan jista' jiġi muri fit-tabella hawn isfel:

| NUMRU TA' XHUR LI L-FORMOLA TINTBAGĦAT TARD | RATA | MINIMU | MASSIMU |
|---|---|---|---|
| Sa 6 xhur | 0% | Lm5 | Lm5 |
| Aktar minn 6 xhur imma inqas minn 12-il xahar | 3% | Lm8 | Lm50 |
| Aktar minn 12-il xahar imma inqas minn 18-il xahar | 10% | Lm20 | Lm100 |
| Aktar minn 18-il xahar imma inqas minn 24 xahar | 15% | Lm30 | Lm200 |
| Aktar minn 24 xahar | 20% | Lm40 | Lm300 |

F'każ ta' kumpanija kemm ir-rati kif ukoll il-minimu u l-massimu huma differenti minn dawn.

Tajjeb tiftakar li l-multi mhumiex suġġetti għal negozjar. Ġaladarba tkun għamilt omissjoni, il-penali jiġu imposti skond il-liġi. Madankollu l-Kummissarju għandu d-dritt li jnaqqas penali imposti għas-sena ta' stima 2003 u s-snin li jiġu wara, u li jagħmel dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa. Lanqas tista' ssir oġġezzjoni kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar tnaqqis fil-penali, ħlief meta *taxpayer* ikun bagħat *tax advice* minn *tax professional.*

## 9. Jekk trid tressaq xi lment

- Jekk ma tkunx sodisfatt bil-mod kif qed issir l-*enquiry*, per eżempju minħabba dewmien eżaġerat, għandek dritt tilmenta l-ewwel mar-Revenue Officer innifsu. Jekk il-ħaġa ma tirranġax ruħha, allura tista' tikkuntattja lis-*supervisor* ta' l-uffiċjal jew lill-Assistent Direttur (*Tax Audits*).

- F'każ li għandek xi lment dwar l-imġiba ta' xi uffiċjal, għandek tkellem lill-Assistent Direttur (*Tax Audits*) biex il-kwistjoni tiġi riżolta b'mod informali. Jekk lanqas dan ma jkun biżżejjed, allura l-Assistent Direttur stess jgħidlek x'għandek tagħmel.

- Jista' jagħti l-każ li tintalab tagħmel l-ilment tiegħek bil-miktub.

- F'każ li tressaq ilment, huwa mistenni minnek li tagħmel dan b'ġenwinità u rġulija u mhux sempliċement għax ma tkunx qbilt ma' l-uffiċjal dwar xi figuri jew argumenti li tressqu dwar il-każ.

- Fejn jiġi rrappurtat xi membru ta' l-istaff, id-Dipartiment iwiegħed li jkun ġust kemm ma' min jagħmel l-ilment kif ukoll ma' l-uffiċjal involut. Inwegħduk li l-każ jittieħed b'serjetà, oġġettività u bilanċ u li jkunu mħarsa l-prinċipji tal-ġustizzja naturali lejn kull min ikun involut.

## 10. Tagħrif ieħor

Jekk trid tibgħat xi messaġġ lis-sezzjoni inkarigata mit-Tax Audits tista' tuża dan l-indirizz ta' l-email: taxaudits@gov.mt

Mhux fl-interess tiegħek li toqgħod tistenna lid-dipartiment biex jiftaħ *enquiry* fuq xi formola tat-taxxa tiegħek. Jekk wara li tkun bgħatt il-formola tinduna li stajt ħallejt barra xi dħul li suppost kellek tiddikjara, ħu passi mill-ewwel! Ibgħat formola ta' aġġustament (AF1) mingħajr telf ta' żmien.

Jekk tagħmel hekk tkun qed tiżgura li l-penali jkunu bl-aktar rati baxxi possibbli.

Id-dipartiment jippreferi li t-*taxpayer* jaġġusta l-formoli minn rajh milli joqgħod jiftaħ *enquiry* u japplika l-multi skond il-liġi.